MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Talba Numru. 198/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Bieganski Zodislaw abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal- Ligi u l-istess Beiganski Zodislaw (35650M)**

**Vs**

**James Flores u b'digriet tal-4 ta' April, 2005 giet ordnata l-kjamat in kawza ta' Redent Bonello**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas fl-ammont ta' seba' mitt Lira Maltin (LM700) rapprezentanti d-danni ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-29 ta' Ottubru, 2004 ghall-habta tal-4.20p.m. gewwa l-Marsa, bejn il-vettura proprjeta' tal-attur Bieganski Zodislaw, bin-numru

ta' registrazzjoni ABD-835 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni ABM-989, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-Ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma dan l-att lis-socjeta' assikurattrici Middle Sea Insurance Plc (polza konkluza tramite Melite Insurance Agency Limited), u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ra r-risposta sollevata mill-konvenut James Flores fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-eccipjenti James Flores ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza u traskuragni da parte tal-konvenut eccipjenti kif allegat fit-talba, izda semmaj grat minhabba negligenza u traskuragni da parte ta' Redent Bonello ta' 42, Fuq Verdala, Isla, li ghandu jigi kjamat in kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

B'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-eccipjenti James Flores.

It-Tribunal ra r-risposta sollevata mill-konvenut Redent Bonello, kjamat in kawza b'digriet ordnat fl-4 ta' April, 2005 fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-incident de quo gara unikament minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza da parti tal-konvenut James Flores kif ukoll minhabba l-fatt li l-istess konvenut James Flores naqas li jzomm *a proper look out,* juza l
prudenza necessarja u jaghti l-preavviz mehtieg meta gie biex mit-tieni *lane* tal-karregjata li kien ghaddej fiha jikser

ghal gewwa t-tielet *lane* tal-istess karregjata, u dana hekk kif jistipula regolament mija u tlieta u disghin (193) tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

It-Tribunal ra x-xhieda kollha;

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha ezebiti fil-process miz-zewg partijiet;

Ra l-atti kollha;

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Din il-kawza titratta dwar incident awtomobilistiku li sehh fid-29 ta' Ottubru, 2004 gewwa l-Marsa, mid-direzzjoni tal-belt lejn Paola. Illi t-traffiku ta' l-ewwel zewg karreggjati fuq ix-xellug kienu wieqfin fi traffiku qawwi. Illi l-vettura ABM-989 misjuqa mill-konvenut James Flores, kienet fit-tieni lane, wara l-vettura ABD-835 assikurata mas-socjeta' attrici. Illi James Flores iddecieda li kellu jaqbez dan il-lane li kienet iggamjata, xeghel l-indicators u waqt illi kien hiereg mill-karrigjata tieghu semgha skiddjatura u wara hass daqqa' minn warajh u gie milqugh fil-genb tal-vettura, b'rizultat illi il-vettura numru LAM-142 misjuqa minn Redent Bonello bit-tamponament minn wara tilef il-kontroll u spicca jahbat fil-lemin tal-vettura ABD-835 appatenenti lil Bieganski Zodislaw, assikurat mas-socejta' attrici.

Illi skond ix-xhieda moqrija u l-iskizz ipprezentat l-konvenut Flores jghid illi l-kjamat in kawza Redent Bonello kien gej b'velocita' kbira tant illi meta hares fil-mera ma kienx rah gej. Illi meta l-kjamat in kawza intebah bil-manuvra tal-konvenut Flores huwa jibbrejka izda xorta wahda l-ewwel habat mall-vettura ta' Flores u mall-impatt baqa' sejjer fuq il-vettura ta' quddiemu.

Mill-Iskizz u x-xhieda jidher illi l-vettura LAM-142 kienet wieqfa u garrbet l-aktar hsara meta l-vettura ta' Redent Bonello baqghet diehla fih.

Il-kollizjoni mertu ta' din il-kawza tikkoncerna impatt bejn tlett vetturi u cioe' dik tal-kjamat in kawza lli kienet miexja fit-triq principali, dik tal-konvenut James Flores li harget mill-karreggjata taghha, u l-vettura tal-atttur assikurat li kienet wieqfa fi *traffic jam* il-Marsa.

Huwa principju stabbili ta' *lane discipline* illi min ikun qieghed jghaddi minn lane ghall-iehor, is-sewwieq m'ghandux jikkaguna inkonvenjent jew periklu ghall-vetturi ohra.

Il-Highway Code (Nru 79) taghna tghid illi: "When changing direction, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror.''

It-Tribunal huwa tal-fehma lli l-konvenut James Flores biddel il-*lane* tieghu f'daqqa u minghajr preavviz, u ghalkemm it-Tribunal jista' jkonecidlu lli xeghel l-indicator, dan mhuwiex bizzejjed, bhalma l-anqas hu bizzejjed illi tghid li thares fil-mera u ma rajt lil hadd. Evidentement il-konvenut ma harisx sewwa, ghaliex il-kjamat in kawza kien ferm aktar vicin tieghu jista' jkun il-kaz li xeghel l-*indicator* , dan xeghelu fl-istess waqt illi ghamel il-manuvra biex johrog mingharj ma hares sewwa x'traffiku kien gej.
Il-kjamat in kawza xehed illi kif beda jikser fuq il-lemin huwa semgha hoss ta' skidjatura imbghad il-habta. Il-Fatt illi il-vetttura misjuqa minn Redent Bonello habtet mall-genb tal-vettura ta' Flores ifisser illi Bonello kien pjuttost vicin u l-anqas kellu l-hin li jbiddel karreggjata u ghaldaqstant da parti mill-konvenut hemm nuqqas serju ta' *proper look out* jekk ma ndunax bih.

It-Tribunal irid jikkonstat jekk kienx hemm kontributorjeta' minn naha tal-konvenut kjamat in kawza Bonello li attwalment kien laqat zewg vetturi.

“Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b’velocita’ eccedenti li speed massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti al-kollizji, huwa m’ghandux jinstab responsabbli lanqas fi grad ta’ kontributorjeta’ purke’ l-ispeed tieghu ma jkunx dak li jissejjah ‘sfrenat’.”

Fil-kaz in ezami ma jidhirx illi l-velocita’ ta ‘Bonello kienet eccessiva u li hu kien qieghed isuq fil-limiti ta’ 80 km/h li huwa l-massimu permess mill-Ligi f’din iz-zona. In oltre dan il-kjamat in kawza ma kienx il-kawza determinanti, l-kawza determinant kienet pjuttost l-manuvra inkonsulta tal-konvenut Flores.

Izda t-Tribunal hu tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz fejn f’zewg karreggjati ta’ triq principali kienet wieqfa kwazi ghal kollox u li ghandhom jitqiesu bhala l-fatturi ambjentali, l-*ispeed* li kien ghaddej bih Redent Bonello ma kienx prudenti u ghalhekk is-sewqan tieghu jista’ jitqies bhala kontributorju u aggrava l-incident.

“Speed jista’ jkun eccessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolarmentari izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.” App Krim Pul vs R Bugeja 30/06/62.

It-Tribunal huwa tal-fehma lli l-kjamat in kawza ikkontribwixxa ghall-aggravju tal-incident peress illi kieku kien qed isuq aktar bil-mod l-impatt ma kienx ikun daqshekk qawwi u ghalhekk ghandu parti mit-tort.

It-Tribunal ghalhekk jidhirlu li ghal dan l-incident l-konvenuti James Flores u Redent Bonello t-tnejn huma huma hatja, izda fi kwoti mhux indaqs ghaliex ma hadux il-prekawzjonijiet mehtiega. Il-Konvenut James Flores qabad u biddel id-direzzjoni tieghu lejn il-lemin biex kien il-kawza prossima ta’ dan l-incident u l-konvenut kjamat in kawza ikkontribwixxa ghall-incident minhabba *speed* eccessiv fic-cirkostanzi. Ghalhekk ghandhom it-tnejn iwiegbu ghad-danni mitluba mill-attur.

Ghar-rigward tal-kwantum mitlub it-tribunal jinnota lli l-**parts** kienu ordnati tajjeb mis-socjeta' li kellha taghmel it-tiswijiet fil-karozza izda meta wasslu l-parts il-*mudguard* ma kienx jaqbel. Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma lli nuqqas ta' terzi m'ghandux ibatih haddiehor. Is-Surveyor kien qal illi l-parts kienu ha jdumu hamest ijiem sabiex jasslu kif fil-fatt gara izda il-parts waslu hazin. Dwar il-valur ta' vettura mikrija is-surveyor xehed illi hija prassi lli huma jaghtu stima ta' vettura tal-kiri adegwata u ghalhekk l-istima li nizzel is-surveyor ghandha tkun bizzejjed specjalment jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-vettura vittma tal-kollizjoni u cioe' l-vettura assikurata mas-socjeta' attrici ma kienetx gdida, izda kellha ma hmistax-il sena.
F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jipprovdi lli l-kwantum mitluba mill-atturi ghandu jigi limitat ghal erba' mija u sbatx-il Lira u zewg centezmi (LM417.02) liema somma tkopri adegwatament kirja ta' karozza ghal hamest ijiem skond l-istima tas-*surveyor*.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi illi jilqa' t-talba tal-atturi limitatament ghal LM417.02 u jiddikjara l-konvenut James Flores responsabbli ghal tlett kwarti mit-tort mentri l-konvenut kjamat in kawza Redent Bonello ghal kwart mit-tort ghall-incident imsemmi, u ghad-danni kollha li b'rizultat tal-istess sofrew l-atturi.

Jikkundanna lill-konvenut u lill-kjamat in kawza jhallsu lill-atturi l-ammont ta' LM417.02 hekk likwidat skond il-htijiet rispettivi, bl-imghax mill-lum u bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-kjamat in kawza skond ir-responsabbilita' dikjarat minn dan it-Tribunal.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------